**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali BIRKIRKARA**

**ID-DISA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 13**

**17 ta' Diċembru 2024**

Il-Kunsill Lokali BIRKIRKARA ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv, fil-5.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Desirei Grech
Maurizio Gauci
Kaylocke Buhagiar
Antoine Attard
Marie Claire Zammit Bonello
Yana Borg Debono Grech
Gilmour Borg
Karl Cutajar
Alfred Attard
Luke Vella

**ASSENTI b'APOLOĠIJI Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Jade England
Stefano Sicari
Rosette Cassar

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Mandy Farrugia – Segretarju Eżekuttiv

MG. LV

Fil-bidu tal-laqgħa kienu preżenti l-Kunsilliera eletti: Desirei Grech, Maurizio Gauci, Kaylocke Buhagiar, Karl Cutajar, Antoine Attard, Gilmour Borg, Yana Borg Debono Grech, Marie Claire Zammit Bonello, Alfred Attard, u Luke Vella. Preżenti wkoll kien hemm is-Sa Mandy Farrugia, is-Segretarju tal-Eżekuttiv.

**13.1. Qari tal-ittri tal-apoloġiji**

13.1.1 Il-laqgħa tal-Kunsill bdiet fil-ħamsa u għaxra ta' filgħaxija. Is-Sindku Desirei Grech fetħet il-laqgħa bit-talba.

13.1.2 Is-Segretarju tal-Eżekuttiv bdiet billi infurmat lill-kunsilliera preżenti li assenti b'apoloġija kien hemm Jade England, Stefano Sicari u Rosette Cassar.

**13.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

13.2.1 Il-minuti ta' laqgħa numru 10 ġew imqassma u ttieħdu bħala moqrija.

13.2.2 Il-minuti ġew approvati kollha mill-Kunsilliera preżenti.

13.2.3 Il-minuti tal-laqgħa numru 10 ġew approvati mill-Viċi Sindku Maurizio Gauci u ssekonda... Luke Vella

**13.3 Matters Arising**

13.3.1 L-ebda kunsillier ma kkomunika xi problema jew sitwazzjoni matul din il-laqgħa.

**13.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

13.4.1 Is-Sindku Desirei Grech infurmat lill-Kunsilliera dwar ir-riżenja ta' waħda mill-ħaddiema, Chantelle Cutajar. Is-Sur Kaylocke Buhagiar talab għal raġuni għala din irreżenjat u s-Segretarja tal-Eżekuttiv wieġbet li minħabba ċirkostanzi fil-familja tagħha. Kaylocke staqsa wkoll jekk din ir-reżenja tathiex bil-miktub u s-Sa Mandy Farrugia wieġbet li iva.

13.4.2 Matul din id-diskussjoni ntefa' l-mikrofonu u l-kunsilliera baqgħu jiddiskutu bejniethom din ir-riżenja.

13.4.3 Is-Sindku, Dr Desirei Grech, qalet li rċeviet email mid-Direttur u qrat l-email lill-Kunsilliera, fejn kien hemm talba għal trasferiment mis-Segretarja tal-Eżekuttiv minn Kunsill għal ieħor, u li din it-talba ġiet evalwata wara li kien twaqqaf bord, li dan iddeċieda li din it-talba tiġi milqugħa. Għaldaqstant qed jinformaw li l-post vakanti ta' segretarju eżekuttiv fil-Kunsill Lokali tal-Gżira jista' jimtela mis-Segretarju tal-Eżekuttiv tal-Kunsill ta' Birkirkara.

13.4.4 Is-Sindku infurmat ukoll li sakemm tinsab segretarja għall-Kunsill Lokali ta' Birkirkara, is-Segretarju tal-Eżekuttiv ser tibqa' preżenti.

M.G. LV

13.4.5 Is-Sindku talbet jekk kienx hemm raġuni għal din it-talba ta' trasferiment, u s-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li hi kienet talbet għal trasferiment xhur illu.

13.4.6 Is-Segretarju Eżekuttiv harget barra u il-mikrofonu ġie mitfi u komplew jiddiskutu dan bejniethom.

13.4.7 Is-Sindku qalet li huma matul din id-diskussjoni qablu li ser jaraw min ser jieħu l-ħatra ta' segretarju filwaqt li Mandy Farrugia ser tkompli bħala aġent mil-4 ta' Jannar, u wara mbagħad jerġgħu jiddiskutu.

13.4.8 Is-Sindku qalet li rċeviet email minn residenta fejn waqa' xi dawl tal-Milied fuq il-karozza tagħha fi Triq Brared u għamel xi ħsara. Bagħtet rapport u anke r-ritratti, u din ser tiġi mgħoddija lill-avukat tal-Kunsill.

13.4.9 Il-Kunsillier Kaylocke Buhagiar staqsa jekk il-kuntrattur ġiex infurmat dwar dan, u s-Segretarju Eżekuttiv weġbitu li iva.

13.4.10 Is-Sindku qalet li rċeviet email oħra mingħand it-tim tan-nisa ta' Birkirkara FC biex jagħmlu s-sistema tad-dawl fil-binja li kienet ġiet mogħtija mill-Kunsill. Din tinsab fi Ġnien l-Istazzjon. Huma talbu li jsir arloġġ tad-dawl bi spiża għall-Kunsill.

13.4.11Tqajjem il-punt ukoll li hemm il-binja tal-veterani li huma wkoll mingħajr dawl. Il-Kunsill jista' jistaqsi lill-ARMS biex jaraw x'jista' jsir u wkoll biex jeżaminaw il-kuntratt eżistenti. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li fil-kuntratt li kien sar mal-clubs kien miftiehem li l-ispiża tal-arloġġ tad-dawl tiġi mħallsa mill-clubs u mhux mill-Kunsill.

13.4.12 Il-Kunsillier Luke Vella qal li rridu naraw il-kuntratt kif qiegħed, u tajjeb li xorta ssir mill-kunsill għax din il-binja hija tal-kunsill u għalhekk se jibbenifika l-Kunsill ladarba ser tibqa' tiegħu.

13.4.13 Il-Kunsillier Kaylocke Buhagiar qal li la din hija l-binja tagħna għandu jħallas l-ispiża l-Kunsill, iżda staqsa wkoll min imbagħad ser iħallas il-kont tad-dawl, u ġie mwieġeb li l-għaqda li qiegħed fil-binja għandhom iħallsu. Qal li tajjeb li nirrevedu l-kuntratti li kienu saru, għax dawn kienu jafu minn qabel li m'għandhomx dawl.

13.4.14 Is-Sindku staqsiet lill-kunsilliera preżenti jekk jaqblux li għandha ssir is-sistema tad-dawl, u li l-ispejjeż ikunu għall-Kunsill, u kollha qablu li iva.

13.4.15 Il-Kunsilliera Yana Borg Debono Grech qalet li l-Veterani Sant'Elena, li għandhom ukoll binja fi Ġnien l-Istazzjon, għandhom huma wkoll jagħmlu talba uffiċjali lill-Kunsill biex jiġi installat id-dawl.

13.4.16 Il-Kunsillier Antoine Attard qal li għalkemm hu jaqbel, irridu noqogħdu attenti għax jekk se noħolqu preċedent ma' xi ħadd, irridu noħolqu preċedent ma' ħaddieħor. Iżda ġie diskuss li għalhekk għandu jkun hemm kuntratt biex ikun ċar min se jħallas.

MG LV

13.4.17 Fl-aħħar ta' din id-diskussjoni, il-kunsilliera kollha qablu li għandu jsir id-dawl, iżda jħallsu l-għaqda għall-konsum, filwaqt li jiġi rivedut il-kuntratt.

13.4.18 Is-Sindku qalet ukoll li rċeviet email mingħand Birkirkara Ultras fejn talbu li ssir banner kbira. Din is-sena l-ispiża hija ta' 25 ewro fis-siegħa. Huma qed jitolbu jużaw is-sala tal- iskola għal 37 siegħa, u l-ispiża telgħet għal 1000 ewro.

13.4.19 Il-Kunsillier Alfred Attard qal li din ladarba hija għaqda Karkariża għandna noffru l-binja tal-Kunsill. Kaylocke Buhagiar qal li bħala kunsill dejjem offra l-għajnuna u ta l-binja izda il sala saret zghira ghalihom.

13.4.20 Is-Sindku staqsiet jekk għandniex inkopru l-ispiża kollha tal-għaqda bħala Kunsill.

13.4.21 Kaylocke Buhagiar issuġġerixxa li l-kunsill għandu jkollu relazzjoni tajba mal-iskejjel, għax ma jħossx li hu ġust li l-kunsill għandu jħallas fl-iskejjel tal-gvern madwar Birkirkara.

13.4.22 Yana Borg Debono Grech staqsiet li jekk iħallsux meta ssir xi ħaġa fis-sala tal-Kunsill, u s-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li jekk tkun attività edukattiva din tingħata b'xejn.

13.4.23 Kaylocke Buhagiar qal li l-Ultras dejjem sabet għajnuna mill-Kunsill, ingħatat is-sala, u anke għandha binja fi Ġnien il-Ħaddiem.

13.4.24 Antoine Attard qal li meta prova jagħmel attività dwar il-patrimonju Karkariż hu ġie mwieġeb isib sponsor. Is-Sindku wieġbet li l-ispiża tiegħu kienet ta' 5000 ewro. Hija qalet ukoll li issa li bdiet sena ġdida nistgħu nagħmlu pjan għal kull dekasteru u naraw x'fondi hemm bżonn għall-attivitajiet pjanati.

13.4.25 Il-Kunsillier Gilmour Borg staqsa dwar meta xi għaqda se titlob l-għajnuna, jekk il-kunsill hux ser ikun qed jagħti l-ispiża kollha jew nofsha. Iżda ntqal li dan jiddependi x'ammont ta' spiża hemm u anke l-budget.

13.4.26 Is-Sindku tkellmet dwar it-talba ta' fondi li saret mill-Kunsill ta' qabel (fl-2020) biex jinbena Location Hub fi Ġnien l-Istazzjon u issa l-kunsill ġie mistoqsi jekk għadniex interessati. Il-kunsilliera qablu li jitkompla dan il-proġett.

**13.5 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

13.5.1 Is-Sur Buhagiar tkellem dwar il-bżonn li nitkellmu fuq Ġnien John Borg, li filgħaxija qed ikun hemm burdell, filwaqt li hemm binja, proprjetà tal-Kunsill u qed nitilfu opportunità biex ikun hemm użu sew minnha u anke dħul finanzjarju.

13.5.2 Il-Kunsillier Karl Cutajar qal li wara li kellu konversazzjoni mal-awditur is- sur Chris Vella dwar il-kontijiet, u spjegalu li sa tmiem l-2023 id-dejn inqata'. Dan kellu argument mas- sinjura

MG LV

Claire Bugeja , id-direttur tal-finanzi tal-Kunsilli u qal li din hija problema ta' ħafna kunsilli. Hemm xi grant fil-balance sheet li qed iħalli impatt ħażin; ma jfissirx li ser inħallsuh iżda qiegħed hemmhekk. Għalhekk, meta dan id-dejn ser jitħallas, juri li l-Kunsill preċedenti ħalla pożizzjoni finanzjarja pożittiva.

13.5.3 Il-Kunsillier Karl Cutajar ssuġġerixxa li fil-laqgħa li jmiss meta nippreżentaw il-finanzi, naraw x'inhuma l-grants pendenti, u dawk li huma deħlin bħala grants, biex naraw kemm hemm cash eżatt.

13.5.4 Is-Sur Alfred Attard qal li kien hemm xi domanda biex tingħalaq Triq Santu Rokku, u staqsa f'każ hekk min jaqla' l-warden, jekk hux il-persuna li talbet il-permess, jew il-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li l-Kunsill japplika mal-LESA għal servizz ta' warden.

13.5.5 Il-Kunsillier Gilmour Borg staqsa għaliex il-laqgħa annwali ma saritx fis-sala tal-Kunsill bħalma sar Jum Birkirkara. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li kien hemm affarijiet oħra għaddejjin. Huwa staqsa minħabba l-health and safety għall-anzjani.

13.5.6 Il-Kunsillier Buhagiar qal li ma tagħmilx sens li l-Kunsill ma jistax juża s-sala. Għalhekk qal li għandha tkun miktuba ċara li eżempju dawk li ser jużaw is-sala (għal xi kors), għandhom isibu alternattiva u s-sala tibqa' vakanti għall-Kunsill meta dan jeħtieġha.

13.5.7 Il-Kunsillier Antoine Attard qal li l-laqgħa ġenerali annwali kienet tajba, qasira u għall-punt. Skont hu l-AGM għandha tkun biex il-Kunsill juri l-pjanijiet tiegħu għas-sena li ġejja u mhux daqstant ilmenti minn residenti.

13.5.8 Il-Kunsillier Karl Cutajar qal li hemm din l-idea ħażina li n-nies jistgħu jsemmgħu leħinhom biss matul il-laqgħa ġenerali.

13.5.9 Il-Kunsillier Antoine Attard tkellem ukoll dwar biex issir gradilja (yellow Grid lines tat-traffiku fl-intersection ta' Ġnien l-Istazzjon, u fi Triq Fleur de Lys kantuniera ma Triq l-Indjana.

13.5.10 Il-Kunsilliera Marie Claire Zammit Bonello qasmet il-ħsieb u l-apprezzament tagħha li l-Kunsill irnexxielu jagħmel tliet attivitajiet matul Diċembru, u għalkemm bi ftit flus, dawn kienu suċċess.

13.5.11 Il-Kunsillier Alfred Attard issuġġerixxa li l-villaġġ tal-Milied sena oħra għandu jsir fil-pjazza.

13.5.12 Il-Kunsillier Antoine Attard qal li hemm żoni f'Birkirkara li ma tantx jisimgħu dwar il-Kunsill, eż. Swatar, Ta' Paris, Knisja l-Qadima, Fleur de Lys eċċ. Għalhekk is-Sur Karl Cutajar issuġġerixxa li sena oħra għandha ssir xi attività marbuta mal-Milied f'dawn l-inħawi.

LV M.G

**13.6 Aġġornament – Proġett Roxy**

**13.6.1** Is-Sindku tat aġġornament dwar il-Proġett Roxy u spjegat li fl-aħħar laqgħa kien diskuss il-parir legali mogħti mill-avukat tal-Kunsill. Hija ġiet infurmata li kienet mitluba tiffirma r-reċissjoni skont il-parir legali.
**13.6.2** Sar vot u kien ikkonfermat unanimu fil-laqgħa li kemm is-Sindku kif ukoll is-Segretarju Eżekuttiv jiffirmaw il-ftehim ta' reċissjoni, abbażi tal-pariri tal-avukat.

**13.7 Bonus tal-Prestazzjoni**

13.7.1 Is-Sindku tkellmet dwar il-bonus tal-ħaddiema li kollha ġew mogħtija 6% mis- segretarju Ezekuttiv.

13.7.2 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li din is-sena kien hemm ħafna tibdiliet u għalhekk ħasset li għandu jingħata lil kulħadd ladarba kulħadd kellu bħal jerġa' jibda mill-bidu.

13.7.3 Is-Sindku qalet li l-iskop tiegħu huwa li jingħata lil xi ħadd li jkun għamel performance tajba u mhux jingħata lil kulħadd.

13.7.4 Is-Sur Karl Cutajar spjega x'jinvolvi dan l-appraisal eżatt u kif jista' jintuża bħala inċentiv għall-ħaddiem. Għalhekk irid jingħata b'mod tajjeb.

13.7.5 Is-Sur Buhagiar issuġġerixxa li s-Sindku għandha tirrevedi dan mas-Segretarju Ezekkutiv. Qabel miegħu wkoll il-Kunsillier Alfred Attard.

13.7.6 Karl Cutajar qal li għandha ssir formula interna biex nimxu fuqha. Iżda Kaylocke qal li jekk eżempju ser jingħata overtime, dan għandu jingħata lil kulħadd l-istess biex tkun ġusta.

**13.8 Rendikont tad-Dekasteru**

13.8.1 Maurizio Gauci tkellem dwar id-dekasteru tiegħu, fosthom ir-restawr tan-niċeċ. Huwa qal li fl-Mcast qed jiġu restawrati 2 niċeċ oħra, u ser jitkellem mal-lettur tal-Mcast biex jara dawn fiex waslu u mbagħad jitwaħħlu.

13.8.2 Tkellem ukoll dwar id-dekasteru tad-dawl; li minn Triq Ganu sa Triq Indri Calleja huwa kważi lest. Qal ukoll li għad-dawl tal-Milied għal din is-sena ġera ħafna wara l-kuntrattur biex isiru. Huwa ssuġġerixxa li għandu jinħareġ tender.

13.8.2 Qal ukoll dwar xi lampi li huma mixtrija għal xi sqaqien u li dawn jeħtieġ li jitwaħħlu.

13.8.3 Il-Kunsillier Luke Vella kkomunika li attenda numru ta' laqgħat bħala parti mid-dekasteru tiegħu. Qal ukoll li żamm kuntatt mal-librerija u għenhom isolvu kwistjoni.,Żamm ukoll kuntatt mal-pulizija tad-distrett.

M.G LV

13.8.4 Qal li se jħares 'il quddiem biex ikompli jagħmel kuntatt mal-edukazzjoni u mal-iskejjel.

13.8.5 Kaylocke Buhagiar tkellem dwar il-ġemellaġġi li ser isiru, u ser ikun qed idaħħal aktar nies li huma kompetenti. Tkellem dwar l-attivitajiet li saru matul Diċembru. Tkellem dwar il-Karnival, u li jekk ma jiġux il-fondi għandu xorta waħda jsir xi ħaġa fir-raħal.

13.8.6 Karl Cutajar tkellem dwar id-dekasteru tiegħu u li ħoloq kumitat għaż-żona ta' Ta' Paris li ltaqa' darbtejn. Wera x-xewqa tiegħu li jsiru aktar attivitajiet matul is-sena. Tkellem ukoll dwar il-problema tal-parkeġġ li hemm f'Ta' Paris. Jistgħu wkoll isiru xi attivitajiet fis-sala tal-iskola.

13.8.7 Yana Borg Debono Grech tkellmet dwar il-bżonn li aktar toroq jitranġaw, għax hawn numru kbir ta' toroq li jinsabu fi stat ħażin, fosthom Triq Ganu, li qalulha li ma ġietx approvata li ssir. Qalet ukoll li trid issir ukoll pressjoni biex isiru l-culverts.

13.8.8 Alfred Attard iltaqa' ma' rappreżentant minn organizzjazzjonijiet volontarji, u l-ħsieb hu li għall-inqas darba fix-xahar jibda jistieden lil xi persuna/organizzazzjoni; eż. klabb jew atleta, li huma minn Birkirkara, fejn inkunu nistgħu nisimgħu leħinhom, x'qed idejjaqhom u x'jistgħu jtejbu.

13.8.9 Qal ukoll li xtaq li jara x'budget jista' jkollu biex jagħti għajnuna għal ċittadini Karkariżi biex jiġi organizzat transport għal meta jkun hemm xi logħba, eżempju meta t-tim jinsab fil-quċċata. Dan jgħin l-isem tal-Kunsill, u r-resident Karkariż ikun ukoll qed jibbenifika. Huwa ċert li ser ikollna rispons. Dan is-servizz idealment ikun b'xejn, iżda jekk le sab sponsor li lest li joffri l-għajnuna tiegħu.

13.8.10 Gilmour Borg qal li ser isiru xi taħditiet dwar l-inklużjoni. Ser jara wkoll x'jista' jagħmel biex jgħin aktar l-annimali.

13.8.11 Antoine Attard qal li hu jaħdem ħafna ma' Marie Claire. Tlestiet l-ewwel fażi tal-mitħna tal-lmrieħel – it-tindif. Ġiet ippjanata wkoll li ssir konferenza tal-Patrimonju Karkariż; semma xi taħditiet/lezzjonijiet li jistgħu jsiru dwar il-patrimonju Karkariż. Għamel ukoll xi kuntatt ma' awtriċi Karkariża li ħalliet patrimonju; din kitbet ktieb dwar koppja Karkariża li telgħu Queensland l-Awstralja u għamlu success kbir fil-kannamieli. Għalhekk ser jiġu preżentati 2 minn dawn il-kotba, wieħed lill-Kunsill u ieħor lill-librerija pubblika ta' Malta.

13.8.12 Sabu wkoll xi partijiet mis-saqaf tal-Knisja l-Qadima, uħud ser jinżammu l-kunsill, u xi oħrajn ser jingħataw lill-Knisja l-qadima.

13.8.13 Semma wkoll affarijiet oħra li saru fid-dekasteru tiegħu, fosthom is-sottokumitat fi Fleur De Lys. Huwa qal li fil-laqgħa għar-residenti fis-7ta' Settembru attendew mal-100 ruħ. Semma wkoll il-bżonn ta' mmaniġġjar tat-traffiku, u li jsiru attivitajiet f'żoni oħra 'l barra miċ-ċentru.

LV M.G.

13.8.14 Marie Claire Zammit Bonello tkellmet dwar id-dekasteru tagħha li hu l-qasam soċjali, u qalet li ltaqgħet ma' tal-Welfare Services u dawn qed janalizzaw il-ħtiġijiet ta' Birkirkara, u qed joħolqu l-gruppi b'rappreżentanti ta' ħafna entitajiet madwar Birkirkara, fosthom l-iskejjel u l-parroċċi. Semmiet attività li għandha ssir bejn l-anzjani u t-tfal fejn ser jagħmlu kartolina.

13.8.15 Semmiet ukoll l-anzjani fil-parroċċa ta' Fleur De Lys, u l-bżonn li nilħqu kull grupp ta' anzjani fil-komunità tagħna. Saret ukoll attività ta' Pink October u wriet ix-xewqa li dawn it-taħditiet nestenduhom għas-sena li ġejja wkoll.

**13.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti 6/9**

**13.9.1 Dawn ġew approvati mill-Kunsilliera kollha.**

**13.9.2 Il-Petty Cash ġew approvati mill-Kunsilliera kollha.**

**13.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

13.10.1 Il-laqgħa ġiet fit-tmiem fis-7.28pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda kollha.

13.10.2 Ġiet deċiża d-data tal-laqgħa li jmiss li se tkun l-Erbgħa 15 ta' Jannar fil-5pm.